MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1244/2001/1

**Avviz Numru 1244/01 AJD**
**JCC Enterprises Limited**

**vs**

**Bastjan Borg u b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2001 gie kjamat in kawza Massimo Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Ottubru 2001 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u sebgha u ghoxrin lira MAltin u tlieta u sittin centezmu (Lm327.63) rapprezentanti danni kagunati mill-konvenut jew impjegati tieghu fi 'stainless steel island' propjeta' tas-socjeta' attrici. Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittri bonarji tas-16 ta' Marzu 2001 u l-10 ta' Frar 2001 kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Bastjan Borg fejn huwa eccepixxa li ghandu jigi liberat mill-osservanza stante li huwa bl-ebda mod ma kein responsabbli ghad-danni illi allegatament sofra l-attur indikati fl-Avviz.

Ra d-digriet tas-7 ta' Dicembru 2001 fejn giet milqugha t-talba ghall-kjamata fil-kawza ta' Massimo Camilleri.

Ra r-isposta tal-kjamat fil-kawza Massimo Camilleri fejn huwa eccepixxa li huwa m'huwiex responsabbli ghad-danni li l-attur jghid li sofra fl-incident in kwistjoni.

Sema' x-xhieda ta' David Mifsud, Michael Azzopardi, Victor Spiteri, Massimo Camilleri, Bastjan Borg u tal-Engineer Kenneth Abela. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident tat-13 ta' Ottubru 2000 fejn waqt li l-kjamat in kawza Massimo Camilleri kien qed isuq 'bowser' bin-numru tar-registrazzjoni HAN 629, liema 'bowser' kien propjeta' tal-konvenut Bastjan Borg, huwa ghaffeg 'pump island' tal-istainless steel li kienet tinsab fil-pompa tal-petrol propjeta' tas-socjeta' attrici. Il-kjamat in kawza kien impjegat tal-konvenut u kien mar jissupplixxi l-'petrol' lis-socjeta' attrici u waqt li kien qed jimmanuvra l-'bowser' fil-pompa tal-petrol huwa baqa' tiela' fuq 'pump island' tal-istainless steel u ghaffigha. Michael Azzopardi u David Mifsud, zewg diretturi tasa-socjeta' attrici xehedu li huma kienu raw lill-kjamat in kawza jimmanuvra l-'bowser' u raw li ma setghax jghaddi sew u ghalhekk kienu qalulu sabiex jirriversja ftit "izda meta rriversja tlett darbiet u rega' gie fl-istess posizzjoni, u cioe' wahda li ma setgax jghaddi, huwa ghamel sinjal li ma kienx jimpurtah u ghadda xorta"  ( ara x-xhieda ta' Michael Azzopardi tal-15 ta' Mejju 2002). Jidher li l-kjamat in kawza kien accetta r-responsabilita' ghall-akkadut dak il-hin stess u fil-fatt huwa jammetti dan fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Mejju 2002 . Waqt it-trattazzjoni finali l-avukat difensur tal-kjamat in kawza

jipprova jezimi lill-istess kjamat in kawza mir-responsabilita' billi jghid li mill-provi rrizulta li l-'pump islands' in kwistjoni ma kienux mimlijin bil-konkos sa fuq nett, kif suppost, u ghalhekk setghu jitghafgu facilment. Huwa minnu li l-Engineer Kenneth Abela jghid li kien ikun aktar difficli li l-'pump island' titghaffeeg kieku kienet mimlija bil-konkos sa fuq nett izda l-istess xhud jghid ukoll li dawn il-'pump islands' m'humiex intzi sabiex jintrifsu. It-Tribunal jidhirlu li l-kjamat in kawza kien negligenti u irresponsabbli meta qabad u ddecida li jghaddi minn fuq il-'pump island' in kwistjoni meta nduna li ma setghax jghaddi. Huwa kien jaf li din il-'pump island' ma kienetx intiza sabiex wiehed jghaddi fuqha bil-'bowser' jew bil-vettura u jekk deherlu li kien impossibbli ghalih li jghaddi, messu ma qabadx u ddecida li jirfes fuq il-'pump island'. Una volta li ddecida li jaghmel hekk, ghandu jassumi r-responsabilita' ghall-agir tieghu.

Illi l-kjamat in kawza u s-socjeta' attrici jirritjenu li l-konvenut Bastjan Borg ghandu wkoll jigi akkollat bir-responsabilita' ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici bhala l-persuna li kienet timpjega lill-konvenut fiz-zmien tal-akkadut. Mill-provi rrizulta li l-kjamat in kawza kien dam mpjegat mal-konvenut madwar gimghatejn u li l-incident in kwistjoni sehh f'dan il-perijodu.

Illi l-Artikolu 1031 tal-Kap. 16 jghid li kull persuna trid twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha. Izda mbaghad l-Artikolu 1037 jipprovdi wkoll li kull min ghal xi xoghol jew servizz iqabbad persuna mhux ta' hila, jew li hu ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila, hu obbligat ghall-hsara li dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta' hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi. Fil-fehma tat-Tribunal bl-ebda mod ma gie pruvat li l-konvenut kellu raguni jahseb li l-kjamat in kawza ma kienx persuna ta' hila meta mpjegah bhala 'driver'. Jidher li l-konvenut agixxa ta' bonus paterfamilioas fil-mument li ngaggja lill-kjamat in kawza ghaliex huwa vverifika li dan kellu licenzja specjali sabiex isuq vetturi kbar. Inoltre kien a konoxxenza tal-fatt li fil-fatt il-kjamat in kawza kien saq dawn it-tip ta' ingenji stante li kien rah personalment isuq truck tar-Ready Mix u fuq kollox kien

baghat lill-kjamat in kawza akkompanjat minn sewwieq iehor fl-ewwel tlett ijiem tal-impjieg. Jidher ghalhekk li f'dan il-kaz ma jistghax jigi nvokat il-principju ta' culpa in eligendo ai termini tal-Artikolu 1037 hawn fuq citat. Il-konvenut bl-ebda mod ma jista' jigi ritenut responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici.

Illi l-quantum tad-danni reklamati mis-socjeta' attrici bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u l-kjamat in kawza u inoltre l-istess socjeta' attrici esibiet l-ircevuti relattivi in sostenn tat-talba taghha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Bastjan Borg, jilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza Masimo Camilleri u konsegwentement jikkundanna lill-istess kjamat in kawza Massimo Camilleri ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u tlieta u sittin centezmu (Lm327.63).

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu bil-mod segwenti: in kwantu ghal dawk tal-konvenut Bastjan Borg dawn ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici, il-kumplament tal-ispejjes ghandhom jigu sopportati mill-kjamat in kawza.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**